QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 14 TA' DICEMBRU 2001

Avviz Nru 748/98DM

Office Electronic Limited
vs
Kosmipharma Imports Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tas-socjeta konvenuta sabiex ihallsu s-somma ta' seba' mija u wiehed u erbghin Lira Maltija u erbghatax il-centezmu (Lm741.14) rapprezentanti bilanc minn prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata u ta' servizzi rezi lilu fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata ta' April 1996 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja u tas-servizzi u cioe Dicembru 1994, sal pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas - subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1 Preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;

2 Illi u subordinarjament u bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra is-socjeta attrici;

3 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Id-difensuri tal-kontendenti ittrataw il-kawza

Rat id-decizzjoni taghha tas-17 ta' Novembru 2000 fejn laqghat biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ghar-rigward biss tal-bilanc ta' Lm48.14 (tmienja u erbghin liri Maltin u erbghatax il-centezmu) izda irrespingiet l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni fejn jirrigwarda l-import tal-kambjali esebiti fis-somma ta' Lm693 (sitt mija u tlieta u disghin liri Maltin).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi in mertu jindikaw illi l-kreditur tal-atturi huwa derivanti mill-import ta' hdax (11) il-kambjala mahrugin kollha fis-27 ta' Novembru 1993 kull wahda ghall-import ta' Lm63 (tlieta u sittin liri Maltin) u li skadew bejn l-1 ta' Dicembru 1994u l-1 ta' Jannar 1995. Dawn il-kambjali originali gew esibiti fl-atti tal-kawza immarkati minn dokument BS3 sa dokument BS13 u esibiti minn fol 20 sa fol 30 tal-process.

Dawn il-kambjali li kienu ghadhom fil-pussess tal-kumpanija attrici, immaturati u skaduti, huma bizzejjed biex jippruvaw il-kreditu pretiz mill-atturi. Kien ghalhekk jispetta lill-konvenuti li jgibu xi prova dwar xi nuqqassijiet fl-istess kambjali jew li almenu il-persuna illi iffirmat l-istess kambjalijiet, ossia Adrian Borg Cardona, ma kellux il-rapprezentanza tal-kumpanija konvenuta.

Ghal provi taghhom il-konvenuti strahu biss fuq id-deposizzjoni ta' Jeanette Micallef illi min-naha taghha ddikjarat illi ghalkemm kienet tircievi 'statements' tal-kumpanija attrici fejn kienu qed jippretendu l-kreditu pretiz, mill-kotba tal-kumpanija konvenuta ma kienx jirrizulta dan id-debitu.

Inoltre mill-istess deposizzjoni ta' Jeanette Micallef jirrizulta li infatti fiz-zmien li gew iffirmati l-kambjalijiet, Adrian Borg Cardona, il-firmatarju, kien il-'General Manager' tal-kumpanija u ma saret ebda allegazzjoni illi bhala General Manager dan ma kienx awtorizzat illi jirrapprezenta l-kumpanija konvenuta.

Ghal dawn il-mottivi ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm693 (sitt mija tlieta u disghin liri Maltin) oltre l-imghaxijiet legali b'effett mill-1 ta' Jannar 1995.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ28